MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Rikors Numru. 26/2009

**Detimil Limited**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

It-Tribunal

*Din hija sentenza li qed tinghata fi proceduri li kienu nbdew quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali ai termini ta' l-Att Dwar t-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti u li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 57(4) tal-Kapitolu 364 kif emendat b'l-Avviz Legali 245 tas-sena 2009 tkompla jinstema' minn dan it-Tribunal.*

*A skans ta' ekwivoci u b'kontinwita mal-proceduri kif mibdija s-socjeta Detimil Limited ser jibqa tissejjah "socjeta appellanti" u l-Kummisarju tat-Taxxi Interni ser jibqa jissejjah "appellat".*

Ra r-rikors ta' l-appell promotur datat 15 ta' Marzu 2000 li permezz tieghu l-appellant appella mill-likwidazzjoni ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti dwar trasferiment ta' propjeta mmobbli favur taghha liema trasferiment sehh f'l-24 ta' Awissu 1995; il-likwidazzjoni ta' taxxa maghmula mill-Kummissarju hija datata 15 ta' Frar 2000.

Ra r-risposta ta' l-appellant datata 16 ta' Marzu 2000 li permezz taghha ssottometta li l-likwidazzjoni hija gusta u timmerita konferma.

Ra d-dokumenti esebieti u l-atti processwali inluz il-provi migbura quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri fil-qosor huma s-segwenti:

- F'l-24 ta' Awissu 1995 s-socjeta appellanti akkwistat il-fond 243B Tower Road Sliema bil-prezz ta' sebghin elf Lira Maltija (Lm70,000). Il-kuntratt fir-realta kien wiehed ta' self u bejgh; is-self kien ta' Lm90,000 minghand il-Lombard Bank (Malta) Ltd li minnhom Lm70,000 intuzaw ghax-xiri tal-fond in ezami u Lm20,000 kellhom jigu utilizzati mill-appellanti ghax-xogholijiet strutturali necessarji f'l-imsemmi fond.
- Is-socjeta appellanti ottjeniet stima tal-fond in ezami li ghalkemm mhiex datata saret fil-perjodu meta inxtara il-fond; skond l-istima f'Gunju 1995 il-fond kien jiswa Lm73,000. Din l-istima giet konfermata mill-perit li rredigieha; dan il-perit ma kellux l-uniku inkarigu li jispezzjoni l-fond u jaghmel l-istima imma kien inkarigat ukoll mix-xogholijiet strutturali necessaji fil-fond.
- Il-kuntratt kien precedut b'konvenju li gie iffirmat fit-2 ta' Mejju 1995; f'dan il-konvenju l-prezz tal-fond in kwistjoni kien indikat bhala Lm70,000.
- Il-Kummissarju, wara stima li saret minn perit inkarigat minnu, stabilixxa l-valur ta' dan il-fond f'l-ammont

ta’ disghin elf lira Maltija (Lm90,000) u hareg likwidazzjoni ta’ taxxa fis-6 ta’ Mejju 1996. L-appellant oggezzjoni ghal din il-likwidazzjoni pero permezz ta’ decizjoni tieghu tat-8 ta’ Frar 2000 il-Kummissarju cahad din l-oggezzjoni u llikwida finalment it-taxxa u t-taxxa addizzjonali pagabbli mill-appellant f’l-ammont ta’ erbgha telef u mitejn lira Maltija (Lm4,200). L-avviz ta’ din il-likwidazzjoni nhareg fil-15 ta’ Frar 2000.

- Fil-15 ta’ Marzu 2000 is-socjeta appellanti interponiet dan l-appell quddiem il-Bord tal-Kummissarji Specjali

Illi s-socjeta appellanti tissottometti li l-ammont ta’ sebghin elf Lira Maltija (Lm70,000) mhux biss kien l-prezz reali tal-bejgh imma kien il-valur tas-suq tal-fond in kwistjoni fis-sena 1995.

Illi anke l-perit membru tal-Bord tal-Kummissarji Specjali (li quddiemu din il-kawza kienet pendenti) wara li zamm access u ha in konsiderazzjoni il-lokalita, il-fatt li l-fond huwa semibasement u suxxttibli ghad-dhul ta’ ilma u umdita, wasal ghall-konkluzzjoni li l-valur tas-suq tal-fond in kwistjoni, fis-sena 1995 kien ta’ Lm70,000. Id-diskrepeanza bejn l-istima tal-perit tal-Bord u l-perit inkarigat mis-socjeta appellanti hija wahda negligibbli tenut kont li hija ta’ tlett elef Lira fuq sebghin elf Lira Maltija.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt li l-ammont ta’ Lm70,000 dikjarat mis-socjeta appellanti bhala l-prezz tal-fond in kwistjoni mhux biss kien dak li attwalment thallas imma kien jirifletti l-valur tas-suq.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qed jilqa t-talba ta’ l-appellant u konsegwentement jannulla l-likwidazzjoni in dizamina b’l-ispejjez kontra l-appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------